Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9936/25

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0068 (COD)

SOC 392
EMPL 261
ECOFIN 714
EDUC 225
JEUN 125
CODEC 756
IA 63

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships") - *Approċċ ġenerali*

I. INTRODUZZJONI

Fl-20 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")[1]. Din il-proposta ġiet ippubblikata bħala pakkett flimkien ma' proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas tal-Kwalità msaħħaħ għat-Traineeships u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships[2].

[1] 2024/0068 (COD)
[2] 2024/0069 (NLE)

Il-"Pakkett dwar it-Traineeships" kien preċedut minn riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew mill-14 ta' Ġunju 2023[3] li tappella lill-Kummissjoni taġġorna u ssaħħaħ ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar il-Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva għandha l-għan li:

1) ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees, billi tiżgura li t-trainees jiġu ttrattati b'mod ugwali f'termini ta' kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż il-paga, meta mqabbla mal-impjegati regolari, sakemm għal raġunijiet oġġettivi ma jkunx ġustifikat trattament differenti (Kapitolu II);

2) tiġġieled każijiet fejn it-traineeships jintużaw biex jaħbu relazzjonijiet ta' impjieg regolari, permezz ta' kontrolli u spezzjonijiet (Kapitolu III);

3) tinforza l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees, billi tippermetti lir-rappreżentanti tal-ħaddiema jinvolvu ruħhom f'isem it-trainees biex jassiguraw id-drittijiet tagħhom u billi tipprovdi mezzi għat-trainees biex jirrappurtaw prattika ħażina (Kapitolu IV).

Skont il-bażi legali proposta, jiġifieri l-Artikolu 153(2)(b), flimkien mal-Artikolu 153(1)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kunsill huwa mitlub jaġixxi mal-Parlament Ewropew skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Il-Parlament Ewropew għadu ma adottax il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta l-opinjoni tiegħu fis-sessjoni plenarja tiegħu tal-11 ta' Lulju 2024[4].

Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fis-sessjoni plenarja tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2024[5].

---

3 https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0239_MT.html
4 12342/24
5 15673/24

II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar it-traineeships ġiet ippreżentata u l-analiżi artikolu b'artikolu tlestiet matul il-Presidenza Belġjana. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet laqgħu l-għan ġenerali li tittejjeb il-kwalità tat-traineeships, filwaqt li għarfu l-kumplessità tal-proposta, minħabba n-natura trażversali u l-impatt potenzjali tagħha fuq is-sistemi nazzjonali tat-traineeships.

Taħt il-Presidenza Ungeriża, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali ltaqa' erba' darbiet biex jiddiskuti l-iterazzjonijiet ta' test ta' kompromess u biex javvanza l-ħidma għal approċċ komuni għad-Direttiva proposta. Il-Presidenza Ungeriża rreferiet ukoll lill-Coreper fis-6 ta' Novembru 2024 għal gwida politika biex tindirizza żewġ kwistjonijiet rikorrenti matul id-diskussjonijiet fil-livell tekniku, jiġifieri l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva proposta u kif għandhom jiġu miġġielda każijiet fejn traineeships jintużaw biex jaħbu r-relazzjonijiet ta' impjieg. Abbażi tal-gwida pprovduta mill-Coreper, il-Presidenza Ungeriża ppreżentat test ta' kompromess ġdid lill-Kunsill EPSCO tat-2 ta' Diċembru 2024, madankollu, ma kienx hemm maġġoranza suffiċjenti biex jintlaħaq approċċ ġenerali.

Il-Presidenza Pollakka ħadet f'idejha l-fajl u ssoktat in-negozjati fil-livell tekniku. Matul il-Presidenza Pollakka, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali ltaqa' ħames darbiet, l-ewwel biex jirrifletti dwar id-direzzjoni tal-ħidma futura fuq id-Direttiva proposta u aktar tard biex ikompli jaħdem fuq test ta' kompromess sabiex jintlaħaq approċċ komuni. Matul l-aħħar xhur, id-diskussjonijiet iffukaw partikolarment fuq il-kamp ta' applikazzjoni, id-definizzjonijiet, u dwar kif għandhom jiġu miġġielda traineeships foloz. Permezz ta' kull iterazzjoni tat-test, il-Presidenza fittxet li ġġib aktar ċarezza legali fit-test u indirizzat il-kwistjonijiet u t-tħassib pendenti mqajma mid-delegazzjonijiet.

Abbażi tal-kontributi kollha pprovduti mid-delegazzjonijiet matul l-aħħar sena, il-Presidenza ħejjiet test ta' kompromess li ġie ppreżentat fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-2 ta' Ġunju 2025. Abbażi tar-reazzjonijiet mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza ħejjiet test ta' kompromess li tressaq quddiem il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti I) fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Ġunju bil-ħsieb tat-tħejjija għal approċċ ġenerali għall-Kunsill EPSCO tad-19 ta' Ġunju 2025.

Waqt il-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti I) eżamina t-test ta' kompromess. Filwaqt li ma kienx għad hemm biżżejjed appoġġ għat-test ta' kompromess matul il-laqgħa, il-Kumitat qabel li jippreżenta l-fajl lill-Kunsill EPSCO fid-19 ta' Ġunju 2025 bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali.

It-test ta' kompromess finali jinsab fl-Anness ta' din in-nota u ma nbidilx mit-test ta' kompromess (9574/25) ippreżentat lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti I).

Wara l-ħidma estensiva matul in-negozjati fil-proposta, il-Presidenza tqis li t-test ta' kompromess ippreżentat fl-Anness iwieġeb għat-tħassib u l-kwistjonijiet pendenti kollha espressi mid-delegazzjonijiet. Għalhekk, il-Presidenza tippreżenta t-test bħala kompromess ibbilanċjat li jirrappreżenta l-pożizzjoni kondiviża tal-Kunsill.

III. TEST TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

It-test ta' kompromess finali jirrifletti d-diskussjonijiet u l-ħidma mwettqa fil-Kunsill matul l-aħħar sena. Dan jinkludi dispożizzjonijiet importanti biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u jipprevedi għodod effettivi għall-ġlieda kontra t-traineeships foloz.

Kapitolu I: Dispożizzjonijiet ġenerali

Il-Kapitolu I jistabbilixxi l-qafas ġenerali tad-Direttiva proposta. Jiddeskrivi s-suġġett, artikolu ġdid dwar il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet.

Suġġett

Is-suġġett tad-Direttiva proposta huwa doppju: it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u ġestjoni tat-trainees fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva (Kapitolu II u Kapitolu IV) u l-ġlieda kontra t-traineeships foloz (Kapitolu III). It-titlu tad-Direttiva proposta ġie aġġustat kif xieraq biex jirrifletti ż-żewġ objettivi.

Kamp ta' applikazzjoni

Wara s-sejħa tad-delegazzjonijiet biex jiġi ċċarat liema tipi ta' trainees u liema tipi ta' traineeships huma koperti mid-Direttiva proposta, it-test jinkludi Artikolu 1a ġdid biex jispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni. It-test jallinja l-objettivi tad-Direttiva proposta mal-kamp ta' applikazzjoni personali tagħha. F'dan is-sens, l-Artikolu 1a l-ġdid jistabbilixxi li l-Kapitoli II u IV tad-Direttiva proposta japplika għal trainees li għandhom kuntratt ta' impjieg jew li huma f'relazzjoni ta' impjieg kif definit jew mil-liġi nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika fis-seħħ, b'kunsiderazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u li t-traineeship tagħhom mhux obbligatorju u mhux imwettaq bħala parti mill-politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

Kif spjegat fil-Premessa 16b il-ġdida, traineeships imwettqa bħala parti minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu II u IV, minħabba li għandhom oqfsa regolatorji speċifiċi, li huma mfassla biex jilħqu ċerti objettivi soċjali u tas-suq tax-xogħol, bħall-inklużjoni soċjali, u minħabba li dawn it-tipi ta' traineeships huma soġġetti għal sorveljanza pubblika f'dawn l-oqfsa.

Barra minn hekk, l-Artikolu 1a jispeċifika wkoll li l-Kapitolu III tad-Direttiva proposta japplika għal kwalunkwe persuna involuta fi traineeship falz.

Barra minn hekk, l-Artikolu 1a jiċċara wkoll li d-Direttiva proposta ma tkoprix traineeships li jitwettqu fil-qafas nazzjonali tal-edukazzjoni jew it-taħriġ, minħabba l-oqfsa regolatorji speċifiċi tagħhom u l-interessi pubbliċi li jsegwu. It-test jinkorpora Premessa 16a A ġdida biex tipprovdi eżempji speċifiċi ta' dawn it-tipi ta' traineeships.

Sabiex jiġi żgurat li d-Direttiva proposta tirrispetta d-diversità tas-sistemi nazzjonali ta' traineeships, l-Artikolu 11(3) jispjega li d-Direttiva ma timponi l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri li jintroduċu relazzjoni ta' impjieg speċifika għat-trainees fil-liġi nazzjonali tagħhom.

Definizzjonijiet

It-test jindirizza t-tħassib imqajjem minn bosta delegazzjonijiet dwar in-nuqqas ta' konsistenza u ċarezza fid-definizzjonijiet tad-Direttiva proposta.

Id-definizzjoni ta' "traineeship" ġiet simplifikata biex tirreferi għal perjodu limitat ta' prattika tax-xogħol li jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ, imwettaq biex tinkiseb esperjenza professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni professjonali. Il-Premessa 19 tiċċara li l-komponent ta' tagħlim u taħriġ tat-traineeships huwa sinifikanti meta t-trainees jiksbu jew itejbu sett ta' ħiliet, esperjenza prattika jew għarfien industrijali u professjonali, bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u jiġu mħejjija għal opportunitajiet u sfidi ta' karriera. F'din il-linja, il-Premessa 19 tispeċifika wkoll li l-perjodi ta' prova fil-qafas ta' relazzjonijiet ta' impjieg dejjiema jenħtieġ li ma jinftehmux bħala traineeships skont it-tifsira ta' din id-Direttiva.

Id-definizzjoni ta' "trainee" ġiet emendata biex tirreferi għal kwalunkwe persuna li tagħmel traineeship.

Barra minn hekk, definizzjoni ġdida ta' "traineeship falz" ġiet inkorporata fit-test għal finijiet ta' ċarezza u sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Kapitolu III. "Traineeship falz" jirreferi għal relazzjoni ta' impjieg taparsi li l-impjegatur jiddikjara li hija traineeship iżda fil-fatt mhijiex traineeship skont it-tifsira ta' din id-Direttiva. F'dan is-sens, il-Premessa 19b il-ġdida tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li individwi involuti fi traineeships foloz jistgħu ma jgawdux il-livell xieraq ta' drittijiet u protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema skont il-liġi, il-ftehim kollettiv jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali, u b'hekk iwasslu għal inċertezza legali u kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli għal dawn l-individwi.

Abbażi tat-talba tad-delegazzjonijiet għaċ-ċarezza, id-definizzjonijiet ta' "relazzjoni ta' impjieg regolari" u "impjegat regolari" tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni tneħħew sabiex tiġi evitata konfużjoni possibbli. Minflok, iddaħlet definizzjoni ta' "impjegat kumparabbli" biex tindika ma' min għandhom jitqabblu t-trainees fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

Kapitolu II: Trattament indaqs

Il-Kapitolu II jistabbilixxi l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u għandu l-għan li jiżgura li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati komparabbli, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat għal raġunijiet oġġettivi.

Sabiex tiġi riflessa d-diversità tal-mudelli tas-suq tax-xogħol fl-Unjoni u biex tiġi żgurata l-awtonomija tas-sħab soċjali, it-test jintroduċi opzjoni biex l-Istati Membri jagħtu s-setgħa lis-sħab soċjali, jekk jaqblu b'mod konġunt, li jħarsu jew jikkonkludu ftehimiet kollettivi li jistabbilixxu r-raġunijiet oġġettivi li jitqiesu biex jiġi ġġustifikat trattament differenti għat-trainees. Fi kwalunkwe każ, kif spjegat fil-Premessa 22, jenħtieġ li l-firxa tat-trattament differenti tat-trainees tkun proporzjonata għar-raġunijiet oġġettivi u tibqa' konsistenti mal-objettivi ta' din id-Direttiva.

Wara l-appell tad-delegazzjonijiet biex jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali fi kwistjonijiet ta' "paga", it-test jiċċara wkoll li jenħtieġ li l-kunċett ta' "paga" jinftiehem f'konformità mal-liġi nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika f'kull Stat Membru u jista' jinkludi kumpens kemm jekk fi flus kif ukoll in natura (Premessa 22).

Kapitolu III: Traineeships foloz

Wara diskussjonijiet wiesgħa matul in-negozjati fil-Kunsill, il-Kapitolu III jagħti ċarezza dwar kif jista' jintlaħaq it-tieni objettiv tad-Direttiva, jiġifieri dwar kif għandha titwettaq il-ġlieda kontra t-traineeships foloz.

Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, l-Artikolu 4 jiddikjara li l-Istati Membri jridu jipprevedu miżuri effettivi għall-identifikazzjoni tat-traineeships foloz u l-ġlieda kontrihom. Biex jiġu indirizzati l-appelli tad-delegazzjonijiet biex tiġi rispettata d-diversità tas-sistemi nazzjonali, it-test jipprovdi flessibbiltà biex l-Istati Membri jiddeċiedu liema miżuri jenħtieġ li jieħdu biex jiġġieldu kontra t-traineeships foloz kollha, inkluż, fejn xieraq, il-kontrolli u l-ispezzjonijiet.

Barra minn hekk, l-Artikolu 5 jintroduċi l-obbligu li l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti sabiex jidentifikaw traineeships foloz. Filwaqt li jipprevedi flessibbiltà biex l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-valutazzjoni, it-test jipproponi xi elementi li jistgħu jitqiesu, bħan-nuqqas ta' komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ, id-durata eċċessiva jew traineeships multipli jew konsekuttivi mal-istess impjegatur, il-livell tal-kompiti, ir-responsabbiltà u l-intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati komparabbli, eċċ.

Wara t-talba tad-delegazzjonijiet biex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn, it-test jagħti wkoll flessibbiltà fl-informazzjoni li l-impjegaturi jenħtieġ li jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-valutazzjoni msemmija hawn fuq.

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva f'għadd ta' oqfsa legali għat-traineeships fl-Istati Membri, tneħħa l-obbligu li jiġi definit it-tul eċċessiv ta' traineeship. Minflok, il-Premessa 26a l-ġdida tistabbilixxi li tul ta' żmien sa sitt xhur ġeneralment jitqies biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi maħsuba ta' traineeship, filwaqt li tirrikonoxxi li xi tipi ta' traineeships jista' jkollhom durata itwal skont l-iskop u s-settur tagħhom.

Kapitolu IV: Infurzar u miżuri ta' appoġġ

Il-Kapitolu IV għandu l-għan li jiżgura li d-dritt rilevanti kollu tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema jiġi implimentat u infurzat b'mod sħiħ fir-rigward tat-trainees. It-test jipprevedi aktar ċarezza u flessibbiltà għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' infurzar u ta' appoġġ fil-Kapitolu IV, sabiex jiġu rispettati l-ispeċifiċitajiet ta' kull sistema nazzjonali u jiġi evitat piż amministrattiv mhux meħtieġ.

Skont dan il-Kapitolu IV, l-Istati Membri jridu jiżguraw li jkun hemm mezzi fis-seħħ biex it-trainees jirrappurtaw allegat ksur tad-drittijiet u tal-obbligi skont din id-Direttiva (l-Artikolu 6). Barra minn hekk, it-test jintroduċi l-possibbiltà li rappreżentanti tal-ħaddiema jaġixxu f'isem trainee jew b'appoġġ għalih/a f'każijiet ta' ksur, jekk dan ikun ammissibbli skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali (l-Artikolu 8).

Kapitolu V: Dispożizzjonijiet finali

Din id-Direttiva tipprevedi armonizzazzjoni minima u għaldaqstant tistabbilixxi standards minimi għall-Istati Membri. Fid-dispożizzjonijiet finali, huwa speċifikat li din id-Direttiva ma tikkostitwixxix raġuni valida biex jitnaqqas il-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiema, inkluż it-trainees, fl-Istati Membri u li din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal drittijiet oħra mogħtija lill-ħaddiema minn atti legali oħra tal-Unjoni.

Fir-rigward tar-rappurtar u r-rieżami, it-test jipprevedi li l-Kummissjoni trid tfassal u tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva bil-ħsieb li tivvaluta l-ħtieġa għal miżuri addizzjonali jew għal aktar protezzjoni għat-trainees. Għal dan ir-rapport, il-Kummissjoni trid tikkonsulta mal-Istati Membri, mas-sħab soċjali u mal-SMEs fl-evalwazzjoni tagħha tal-implimentazzjoni tad-Direttiva.

IV. KONKLUŻJONI

Il-Kunsill mistieden jilħaq approċċ ġenerali dwar it-test ta' kompromess kif jinsab fl-Anness ta' dan id-dokument u jagħti mandat lill-Presidenza biex tidħol f'negozjati dwar il-fajl ma' rappreżentanti tal-Parlament Ewropew.

ANNESS

2024/0068 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra traineeships foloz (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mingħand il-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[3],

---

1 ĠU C , , p. .

2 ĠU C , , p. .

3 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … [(ĠU …)/(għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' … .

Billi:

(1) Fl-10 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni għal Qafas ta' Kwalità dwar it-Traineeships[4] (ir-"Rakkomandazzjoni tal-2014") biex jipprovdi standards ta' kwalità fl-Unjoni kollha għat-traineeships. Ir-Rakkomandazzjoni tal-2014 tinkludi 21 prinċipju għat-traineeships biex tittejjeb il-kwalità tagħhom, b'mod partikolari biex jiġi żgurat kontenut ta' tagħlim u taħriġ ta' kwalità għolja u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet mill-edukazzjoni għax-xogħol u biex tiżdied l-impjegabbiltà tat-trainees. Ir-Rakkomandazzjoni tal-2014 tkopri t-traineeships kollha ħlief dawk li huma parti mill-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali, u dawk regolati skont il-liġi nazzjonali li t-tlestija tagħhom hija rekwiżit obbligatorju għall-aċċess għal professjoni speċifika.

(2) [imħassar]

(3) Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa li tinsab fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi[5] għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażagħ taħt l-età ta' 30 sena jirċievu offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni. Ir-Rakkomandazzjoni tal-2014 hija punt ta' referenza importanti biex titkejjel il-kwalità tal-offerti ta' traineeships taħt il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa.

(4) Hemm nuqqas ta' ħaddiema f'ħafna okkupazzjonijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. Dan huwa mistenni jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal diversi okkupazzjonijiet li huma rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika **u dik** diġitali. Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal daw**k** in-nuqqasijiet. Traineeships ta' kwalità jistgħu jkunu perkors utli ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid għal persuni ta' kwalunkwe età biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-impjieg sabiex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew biex imexxu l-karriera tagħhom f'direzzjoni ġdida.

---

4 ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1.

5 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ 2020/C 372/01 (ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1).

(5) It-traineeships jistgħu jgħinu lin-nies jiksbu esperjenza prattika u professjonali, itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn impjieg stabbli. Għaldaqstant, it-traineeships jikkostitwixxu perkors importanti għas-suq tax-xogħol. Għall-impjegaturi, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu n-nies. Dawn jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u r-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet, meta t-trainees jiġu offruti pożizzjoni regolari wara t-traineeship**s** tagħhom. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships jkunu ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.

(6) Għad hemm sfidi rigward l-użu problematiku tat-traineeships, inkluż permezz ta' traineeships foloz, li jċaħħd**u** lill-ħaddiema mid-drittijiet sħaħ tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, il-liġi nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi**,** u joħolqu r-riskju li jinqabdu f'kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Traineeships foloz ifixklu l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji billi jpoġġu lill-impjegaturi konformi fi żvantaġġ, iwasslu għall-evitar tal-obbligi fiskali u tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi u għal sostituzzjoni ta' karigi permanenti. F'każijiet oħra, l-impjegaturi jistgħu ma jikkonformawx mar-rekwiżiti kollha li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, mil-liġi nazzjonali, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika, u b'hekk iċaħħdu lit-trainees mid-drittijiet sħaħ tagħhom.

(7) Barra minn hekk, it-trainees x'aktarx ma jiddefendux id-drittijiet tagħhom minħabba l-pożizzjonijiet vulnerabbli tagħhom fis-suq tax-xogħol. In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji għat-traineeships f'diversi Stati Membri flimkien mal-infurzar insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u n-nuqqas ta' kapaċità għal kontrolli u spezzjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza rigward l-awtoritajiet responsabbli għall-kontroll u l-infurzar, huma fost il-fatturi ewlenin li jwasslu għall-użu problematiku tat-traineeships.

(8) L-evidenza turi li proporzjon sinifikanti ta' trainees huma soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli meta mqabbla mal-impjegati, inkluż fir-rigward tal-paga, is-sigħat tax-xogħol, l-intitolamenti għal-liv tagħhom, u l-aċċess tagħhom għat-tagħmir.

(9) Fil-livell tal-Unjoni, l-istrumenti legali eżistenti jipprovdu qafas għall-protezzjoni tal-ħaddiema, inkluż id-direttivi dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli[6], pagi minimi adegwati[7], il-ħin tax-xogħol[8], is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol[9], l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni[10], il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw[11], l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati[12], ix-xogħol għal żmien fiss[13], ix-xogħol part-time[14], l-istazzjonar tal-ħaddiema[15], u dwar ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija[16]. Dan il-qafas legali japplika bis-sħiħ għat-trainees li għandhom kuntratt ta' impjieg jew li huma f'relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, ftehimiet kollettivi jew il-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-qafas legali tal-Unjoni jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet dwar il-kwalità tat-traineeships[17] u tal-apprendistati[18], u dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom[19].

---

6 Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1152/oj).

7 Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

8 Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

9 Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.06.1989, p. 1).

10 Fost oħrajn: Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

11 Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

12 Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea - Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

13 Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43).

14 Id-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill- UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC – Anness: Il-ftehim qafas dwar xogħol part-time (ĠU L 14, 20.1.1998, p. 9).

15 Id-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 16).

16 Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

17 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships (ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1).

18 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1).

19 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

(10) Ir-Rapport ta' Mejju 2022 dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ressaq proposta biex jiġi żgurat li l-internships u l-impjiegi taż-żgħażagħ jaderixxu ma' standards ta' kwalità, inkluż dwar ir-remunerazzjoni, kif ukoll biex jiġu projbiti, permezz ta' strument legali, internships mhux imħallsa fis-suq tax-xogħol u barra mill-edukazzjoni formali.

(11) Fl-14 ta' Ġunju 2023, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar traineeships ta' kwalità[20]. Fir-riżoluzzjoni tiegħu, huwa stieden lill-Kummissjoni "taġġorna u ssaħħaħ ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2014 u tittrasformaha fi strument leġiżlattiv aktar b'saħħtu". Stieden ukoll lill-Kummissjoni tinkludi prinċipji addizzjonali f'qafas ta' kwalità aġġornat għat-traineeships. B'mod speċifiku, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni "tipproponi direttiva dwar traineeships fis-suq tax-xogħol miftuħ, traineeships fil-kuntest ta' ALMPs u traineeships li huma parti obbligatorja mit-taħriġ professjonali, sabiex jiġu żgurati standards minimi tal-kwalità, inklużi regoli dwar it-tul tat-traineeships, l-aċċess għall-ħarsien soċjali f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali kif ukoll remunerazzjoni li tiżgura standard ta' għajxien deċenti sabiex jiġu evitati l-prattiki ta' sfruttament".

(12) Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni f'żewġ stadji mas-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 154 TFUE dwar il-ħtieġa, l-objettivi u l-mezzi legali għal azzjoni potenzjali li tkompli ttejjeb il-kwalità tat-traineeships. Ma kien hemm l-ebda ftehim bejn is-sħab soċjali biex jidħlu f'negozjati fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet. Madankollu, huwa importanti li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni f'dan il-qasam billi jiġi adattat il-qafas kurrenti dwar it-traineeships filwaqt li jitqies l-eżitu tal-konsultazzjoni mas-sħab soċjali.

---

20 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2023 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar traineeships ta' kwalità fl-Unjoni (ĠU C, C/2024/484, 23.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/484/oj).

(13) [imħassar]

(14) L-Artikolu 153(2) TFUE, flimkien mal-Artikolu 153(1)(b) TFUE, jagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jadottaw Direttivi li jistabbilixxu rekwiżiti minimi dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 151 TFUE, jiġifieri l-promozzjoni tal-impjiegi u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol.

(15) Meta jitqiesu l-isfidi persistenti rigward l-użu problematiku tat-traineeships fl-Unjoni, hija meħtieġa aktar azzjoni biex jiġu miġġielda traineeships foloz u biex jiġi żgurat li l-liġi rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali applikabbli jiġu implimentati u infurzati bis-sħiħ fir-rigward tat-trainees. Din id-Direttiva tindirizza dawn l-isfidi billi tistabbilixxi rekwiżiti minimi għat-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees fl-Unjoni u għall-ġlieda kontra traineeships foloz, billi tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat trattament ugwali u biex tiġi implimentata u infurzata l-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali applikabbli għall-ħaddiema b'mod aktar effettiv.

(16) Jenħtieġ li l-Kapitoli II u IV ta' din id-Direttiva japplikaw għat-trainees li għandhom kuntratt ta' impjieg jew li huma f'relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stabbiliet kriterji għad-determinazzjoni tal-istatus ta' ħaddiem, kwistjoni li għandha tkun ibbażata fuq analiżi każ b'każ. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kapitolu III ta' din id-Direttiva japplika għal kwalunkwe persuna involuta fi traineeship falz.

(16a) Il-klassifikazzjoni ta' traineeship bħala parti mill-edukazzjoni formali hija ddeterminata fis-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li jitqiesu l-istrutturi u r-regolamenti speċifiċi tagħhom. Minħabba l-oqfsa regolatorji speċifiċi tagħhom u l-interessi pubbliċi speċifiċi li jittrattaw, traineeships li jitwettqu fil-qafas tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ nazzjonali jenħtieġ li ma jkunux koperti minn din id-Direttiva, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-apprendistati, it-traineeships li jitwettqu fil-qafas ta' edukazzjoni formali, inkluż dawk li huma prerekwiżit għall-bidu ta' edukazzjoni formali jew ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, kif ukoll traineeships li huma obbligatorji sabiex tinkiseb lawrja jew kwalifika speċifika, traineeships professjonali kif definiti fid-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali[21].

(16b) It-traineeships imwettqa bħala parti minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitoli II u IV ta' din id-Direttiva, minħabba l-oqfsa regolatorji speċifiċi tagħhom imfassla biex jintlaħqu ċerti objettivi soċjali u tas-suq tax-xogħol u minħabba li huma soġġetti għal sorveljanza pubblika f'dawn l-oqfsa.

(17) [imħassar]

(18) [imħassar]

---

21 Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2005/36/oj).

(19) It-traineeships huma limitati fiż-żmien, jinkludu komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ u jitwettqu sabiex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali. Il-komponent ta' tagħlim u taħriġ tat-traineeships jinftiehem bħala sinifikanti meta t-trainees jiksbu jew itejbu sett ta' ħiliet, esperjenza prattika jew għarfien industrijali u professjonali, bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u jiġu mħejjija għal opportunitajiet u sfidi futuri ta' karriera. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-persuni li jkollhom jgħaddu minn perjodu ta' prova bl-għan li tiġi vvalutata l-prestazzjoni tagħhom fil-qafas ta' relazzjoni ta' impjieg dejjiema (eż. kuntratt indefinit fis-settur privat, servizz pubbliku statutorju, eċċ.) jenħtieġ li ma jinftehmux bħala trainees skont din id-Direttiva.

(19b) Jenħtieġ li traineeships foloz jinftiehmu bħala relazzjonijiet ta' impjieg li jkunu taparsi li l-impjegatur jiddikjara li huma traineeship iżda fil-fatt huma relazzjonijiet ta' impjieg li ma jissodisfawx l-elementi ta' traineeship kif definit f'din id-Direttiva. B'riżultat ta' dan, l-individwi kkonċernati jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jgawdu l-livell xieraq ta' drittijiet u protezzjonijiet mogħtija lill-ħaddiema skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew dawk nazzjonali, u dan jista' jwassal għal inċertezza legali u kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli.

(20) Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa xieraq biex jiġu miġġielda l-abbużi tat-traineeships, bħall-għoti ta' kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli jew paga aktar baxxa meta mqabbla ma' impjegati komparabbli mingħajr ġustifikazzjoni xierqa. Dan jista' jgħin ukoll biex it-traineeships isiru aktar aċċessibbli għal gruppi ta' ħaddiema f'sitwazzjoni vulnerabbli u jtejjeb is-sostenibbiltà tat-traineeships bħala perkors lejn opportunitajiet ta' impjieg stabbli.

(21) Għalhekk jeħtieġ li jiġi stabbilit il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għat-trainees**,** li jenħtieġ li japplika flimkien mal-Klawżola 4 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE[22], li tipprevedi li fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-ħaddiema b'kuntratt fiss ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema permanenti komparabbli minħabba biss li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss**,** dment li trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. It-trainees li għandhom relazzjoni ta' impjieg jikkwalifikaw bħala "ħaddiema għal terminu fiss" skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva. Madankollu, il-klawżola tagħha dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma tipprevedix paragun ma' ħaddiema oħra għal terminu fiss. Hija tonqos ukoll milli tirrikonoxxi l-pożizzjoni partikolarment vulnerabbli tat-trainees. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-prinċipju ta' trattament ugwali ma' impjegati komparabbli japplika għat-trainees li għandhom relazzjoni ta' impjieg.

(22) Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol**,** inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva**.** Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li "paga" tinftiehem f'konformità mal-liġi, il-ftehimiet kollettivi u l-prattika nazzjonali f'kull Stat Membru u tista' tinkludi kumpens kemm pekunjarju kif ukoll in natura. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati fl-istess stabbiliment. Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet iżgħar jew intensità tax-xogħol aktar baxxa meta mqabbla ma' impjegati komparabbli jistgħu jkunu raġunijiet oġġettivi għal trattament differenti, fejn rilevanti, fir-rigward tal-kundizzjoni(jiet) tax-xogħol, inkluż il-paga, inkwistjoni. L-Istati Membri jistgħu, fejn ikun ammissibbli skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali u fejn is-sħab soċjali jaqblu b'mod konġunt, jagħtu lis-sħab soċjali l-opzjoni li jistabbilixxu permezz ta' ftehimiet kollettivi r-raġunijiet oġġettivi li jistgħu jiġġustifikaw trattament differenti tat-trainees. Jenħtieġ li, fi kwalunkwe każ, il-firxa tat-trattament differenti tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet oġġettivi u tibqa' konsistenti mal-objettivi ta' din id-Direttiva.

---

[22] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss imwettaq mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1999/70/oj).

(23) L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni teħtieġ l-identifikazzjoni ta' impjegat komparabbli involut fl-istess tip ta' xogħol jew okkupazzjoni, jew simili, tat-trainee, b'kunsiderazzjoni xierqa għal ċirkostanzi bħall-esperjenza professjonali, il-kwalifiki u l-ħiliet kif definiti fil-liġi nazzjonali jew fil-ftehimiet kollettivi.

(24) [imħassar]

(25) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu miżuri effettivi f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali, inkluż, fejn xieraq, kontrolli u spezzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti, biex jiġu identifikati u miġġielda t-traineeships foloz. Fejn xieraq, u f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu wkoll jafdaw lis-sħab soċjali kompiti relatati mal-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra t-traineeships foloz.

(26) Il-valutazzjoni biex jiġu identifikati u miġġielda t-traineeships foloz jenħtieġ li tkun ibbażata fuq iċ-ċirkostanzi fattwali u mhux fuq il-ħatra formali tar-relazzjoni kuntrattwali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti kollha fuq bażi ta' każ b'każ.

(26a) Filwaqt li d-durata xierqa ta' traineeship tista' tvarja skont l-iskop u s-settur tiegħu, f'konformità mal-liġi jew mal-prattika nazzjonali, durata sa sitt xhur ġeneralment titqies biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi maħsuba tiegħu. Perjodu ta' żmien konsiderevolment itwal, b'mod partikolari fejn jitwettqu diversi traineeships konsekuttivi mal-istess fornitur, jista' jqajjem tħassib dwar in-natura ġenwina tat-traineeship u jenħtieġ li jiġi vvalutat bir-reqqa. Madankollu, f'ċerti każijiet, perjodu ta' żmien itwal jista' jkun xieraq jekk jappoġġa l-iskop tat-traineeship.

(26b) Għat-twettiq tal-valutazzjoni tal-elementi fattwali rilevanti kollha, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu, fost l-oħrajn, l-elementi li ġejjin: in-nuqqas ta' komponent sinifikanti ta' tagħlim jew taħriġ; id-durata eċċessiva jew traineeships konsekuttivi multipli mal-istess impjegatur mill-istess persuna; u l-livelli tal-kompiti, ir-responsabbiltajiet u l-intensità tax-xogħol. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu elementi addizzjonali bħala kwistjoni ta' liġi jew prattika nazzjonali.

(27) [imħassar]

(28) Meta l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-analiżi tagħhom tal-elementi fattwali rilevanti kollha biex jidentifikaw u jiġġieldu t-traineeships foloz, jista' jkun li l-informazzjoni meħtieġa biex titwettaq dik l-analiżi ma tkunx dejjem faċilment aċċessibbli għalihom. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom, jenħtieġ li l-impjegaturi jkunu obbligati jipprovdulhom l-informazzjoni meħtieġa li tinsab fil-kontroll tagħhom fuq talba. L-iżgurar tal-aċċess għal tali nformazzjoni huwa kruċjali biex l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw jekk traineeship ikunx qed jintuża f'konformità mal-iskop maħsub jew jekk jistax ikun traineeship falz.

(28a) Tali informazzjoni tista' tinkludi dettalji dwar l-għadd ta' trainees ospitati mill-impjegatur u l-istatus fl-impjieg tagħhom fir-rigward tal-għadd totali ta' impjegati. Tista' tkopri wkoll id-durata tat-traineeships, kif ukoll in-natura tal-kompiti u r-responsabbiltajiet assenjati lit-trainees meta mqabbla ma' dawk imwettqa minn impjegati komparabbli.

(29) [imħassar]

(30) [imħassar]

(31) Minbarra din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ tad-drittijiet minquxa fl-acquis tal-Unjoni applikabbli għat-trainees f'relazzjoni ta' impjieg. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti, fejn xieraq billi jsegwu approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

(32) Din id-Direttiva tinkludi sistema estensiva ta' dispożizzjonijiet biex tgħin tiżgura l-infurzar u d-difiża effettivi tad-drittijiet tat-trainees f'relazzjoni ta' impjieg, kemm jekk jirriżultaw minn din id-Direttiva kif ukoll minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. Mezzi biex jirrapportaw ksur allegat li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva jistgħu jappoġġaw lit-trainees fl-infurzar tad-drittijiet tax-xogħol tagħhom. Il-mezzi eżistenti jistgħu jintużaw ukoll għal dak l-għan.

(33) Jenħtieġ li t-trainees ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat. Jenħtieġ li t-trainees jiġu infurmati dwar il-mekkaniżmi ta' rimedju għall-fini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju. B'kunsiderazzjoni għan-natura fundamentali tad-dritt għal protezzjoni legali effettiva, jenħtieġ li t-trainees ikomplu jgawdu minn tali protezzjoni anke wara t-tmiem ta' traineeship li jwassal għal allegat ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva.

(34) Sabiex tiġi pprovduta protezzjoni effettiva tat-trainees, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, fi kwalunkwe proċediment ġudizzjarju jew amministrattiv rilevanti sabiex jiddefendu jew jinfurzaw kwalunkwe wieħed mid-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva. Meta tali azzjoni tkun ammissibbli skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jaġixxu f'isem jew b'appoġġ għal trainee. Jenħtieġ li l-Istati Membri li ma jippermettux lir-rappreżentanti tal-ħaddiema jaġixxu f'isem jew b'appoġġ għal trainee ma jkunux meħtieġa jagħmlu hekk**.**

(35) Jenħtieġ li t-trainees jingħataw protezzjoni ġudizzjarja u amministrattiva adegwata kontra kwalunkwe trattament u konsegwenza negattivi b'reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq lill-impjegatur jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li jiġu infurzati l-obbligi u li jitolbu d-drittijiet previsti f'din id-Direttiva. B'mod partikolari, jenħtieġ li t-trainees f'relazzjoni ta' impjieg ikunu protetti mis-sensja jew l-ekwivalenti tagħha u mit-tħejjijiet kollha għas-sensja jew l-ekwivalenti tagħha għall-eżerċitar tad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva.

(36) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għal ksur tad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva. Il-penali jistgħu jinkludu penali amministrattivi u finanzjarji, bħal multi, jew il-ħlas ta' kumpens, kif ukoll tipi oħra ta' penali.

(37) Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi, u għalhekk tħalli l-prerogattiva tal-Istati Membri fis-seħħ sabiex iżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet iktar favorevoli. Id-drittijiet miksuba skont il-qafas legali eżistenti jenħtieġ li jkomplu jibqgħu japplikaw, sakemm ma jiddaħħlux dispożizzjonijiet iktar favorevoli minn din id-Direttiva.

(38) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(39) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva**,** jenħtieġ li l-Istati Membri li jevitaw li jimponu restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali bla bżonn, b'mod partikolari jekk iżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jivvalutaw l-impatt tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom fuq dawk l-intrapriżi sabiex jiżguraw li ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-mikrointrapriżi u lill-piż amministrattiv, jippubblikaw ir-riżultati ta' tali valutazzjonijiet, u jipprovdu appoġġ lil dawk l-intrapriżi kif meħtieġ.

(40) L-Istati Membri jistgħu jafdaw lis-sħab soċjali bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, meta s-sħab soċjali jitolbu b'mod konġunt li jagħmlu dan**,** u dment li l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li jkunu jistgħu f'kull ħin jiggarantixxu r-riżultati mfittxija skont din id-Direttiva. Skont il-liġi u l-prattika nazzjonali, jenħtieġ li jieħdu wkoll miżuri adegwati biex jiżguraw l-involviment effettiv tas-sħab soċjali u biex jippromwovu u jtejbu d-djalogu soċjali bil-ħsieb li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva**,**

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Kapitolu I
Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji u miżuri biex**:**

a) jittejbu u jiġu infurzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees koperti minn din id-Direttiva; u
b) jiġu miġġielda t-traineeships foloz.

Artikolu 1a

Kamp ta' applikazzjoni

1. Għall-finijiet tal-Kapitoli II u IV, din id-Direttiva tapplika għal trainees li għandhom kuntratt ta' impjieg jew li huma f'relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika fis-seħħ fl-Istat Membru, b'kunsiderazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u li t-traineeship tagħhom mhux obbligatorju u mhux imwettaq bħala parti mill-politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

1a. Għall-finijiet tal-Kapitolu III, din id-Direttiva tapplika għal kwalunkwe persuna involuta fi traineeship falz.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal traineeships li jitwettqu fil-qafas nazzjonali tal-edukazzjoni jew it-taħriġ.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "traineeship" tfisser perjodu limitat ta' prattika tax-xogħol li jinkludi komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ, imwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni professjonali**;**

(b) "trainee" tfisser kwalunkwe persuna li twettaq traineeship.

(c) [imħassar]

(d) [imħassar]

(e) "impjegat komparabbli" tfisser persuna b'kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg fl-istess stabbiliment, li ma tkunx qed twettaq traineeship u li tkun involuta fl-istess xogħol jew okkupazzjoni jew f'xogħol jew f'okkupazzjoni simili, filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa lil ċirkostanzi bħal esperjenza professjonali, kwalifiki u ħiliet.

(f) "traineeship falz" tfisser relazzjoni ta' impjieg taparsi li l-impjegatur jiddikjara li hija traineeship iżda fil-fatt mhijiex traineeship skont it-tifsira ta' din id-Direttiva.

Kapitolu II
Trattament ugwali

Artikolu 3

Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol**,** inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati komparabbli, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva, bħal kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi, intensità tax-xogħol jew il-piż ogħla tal-komponent tat-tagħlim u t-taħriġ.

2. Meta ma jkun hemm l-ebda impjegat komparabbli fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew fejn ma jkun hemm l-ebda ftehim kollettiv applikabbli, skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali.

3. L-Istati Membri jistgħu, jekk is-sħab soċjali nazzjonali jaqblu b'mod konġunt, jagħtu lis-sħab soċjali, fil-livell xieraq u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri, l-opzjoni li jżommu jew jikkonkludu ftehimiet kollettivi li jistabbilixxu r-raġunijiet oġġettivi li huma kkunsidrati li jiġġustifikaw trattament differenti, f'konformità mal-paragrafu 1.

Kapitolu III:
Traineeships foloz

Artikolu 4

Miżuri biex jiġu miġġielda traineeships foloz

L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri effettivi f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, inkluż, fejn xieraq, kontrolli u spezzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti biex jiġu identifikati u miġġielda traineeships foloz.

Artikolu 5

Valutazzjoni ta' traineeships foloz

1. Sabiex jidentifikaw traineeship falz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali rilevanti, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali. Dik il-valutazzjoni tista' tqis, fost l-oħrajn, l-elementi li ġejjin:

   (a) in-nuqqas ta' komponent sinifikanti ta' tagħlim jew taħriġ;

   (b) id-durata eċċessiva jew traineeships multipli u/jew konsekuttivi mal-istess impjegatur mill-istess persuna;

   (c) il-livelli ekwivalenti tal-kompiti, ir-responsabbiltajiet u l-intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati komparabbli;

   (d) [imħassar]

   (e) [imħassar]

   (f) [imħassar]

2. Għall-fini tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegaturi, fuq talba, jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni meħtieġa.

(a) [imħassar]

(b) [imħassar]

(c) [imħassar]

(d) [imħassar]

(e) [imħassar]

3. [imħassar]

Kapitolu IV
Infurzar u miżuri ta' appoġġ

Artikolu 6

Implimentazzjoni u infurzar tal-liġi rilevanti tal-Unjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri effettivi f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali biex jiżguraw li l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema tiġi implimentata u infurzata bis-sħiħ ukoll fir-rigward tat-trainees. B'mod partikolari għandhom:

(a) jiżguraw li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tat-trainees tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod ċar, komprensiv u faċilment aċċessibbli;

(b) jiżviluppaw gwida għall-impjegaturi tat-trainees rigward il-qafas legali għat-traineeships, inkluż livell adegwat ta' informazzjoni dwar l-aspetti rilevanti tal-liġi tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali;

(c) jipprevedu miżuri effettivi, inkluż, fejn xieraq, kontrolli u spezzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti**,** biex jinfurzaw il-liġi tax-xogħol rilevanti fir-rigward tat-trainees;

(d) [imħassar]

(e) jiżviluppaw il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ u gwida, biex b'mod proattiv jimmiraw u jsegwu impjegaturi mhux konformi;

(f) jiżguraw, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti jew, fejn xieraq, mas-sħab soċjali, li jkun hemm mezzi fis-seħħ għat-trainees biex jirrapportaw ksur allegat tad-drittijiet u l-obbligi skont din id-Direttiva, u jipprovdu informazzjoni dwar dawk il-mezzi**.**

Artikolu 7

Dritt għal rimedju

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trainees, inkluż dawk li r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat għad-dannu mġarrab, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn din id-Direttiva.

Artikolu 8

Proċeduri mir-rappreżentanti tal-ħaddiema

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva u jkunu jistgħu jaġixxu, fejn ammissibbli skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali, f'isem jew b'appoġġ għal trainee fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva, bl-approvazzjoni tat-trainee.

Artikolu 9

Protezzjoni kontra trattament ħażin u konsegwenzi

1. L-Istati Membri għandhom jintroduċu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu lit-trainees jew lir-rappreżentanti tagħhom minn kwalunkwe trattament ħażin mill-impjegatur u minn kwalunkwe konsegwenza negattiva li tirriżulta minn ilment imressaq lill-impjegatur jew li tirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet u l-obbligi previsti f'din id-Direttiva.

2. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprojbixxu t-tkeċċija jew l-ekwivalenti tagħha, u t-tħejjijiet kollha għat-tkeċċija jew l-ekwivalenti tagħha, ta' trainees minħabba li eżerċitaw id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva.

3. It-trainees li jqisu li ġew imkeċċija, jew li kienu soġġetti għal miżuri b'effett ekwivalenti, minħabba li eżerċitaw id-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jistgħu jitolbu lill-impjegatur jipprovdi raġunijiet debitament sostanzjati għat-tkeċċija jew il-miżuri ekwivalenti. L-impjegatur għandu jipprovdi dawk ir-raġunijiet bil-miktub.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta t-trainees imsemmija fil-paragrafu 3 jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità jew korp kompetenti ieħor, fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien hemm tali tkeċċija jew miżuri ekwivalenti, għandu jkun f'idejn l-impjegatur li jagħti prova li t-tkeċċija jew miżuri ekwivalenti kienu bbażati fuq raġunijiet għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 2.

5. L-Istati Membri ma għandhomx jinħtieġu japplikaw il-paragrafu 4 għal proċedimenti fejn hija l-qorti jew awtorità jew korp kompetenti ieħor li għandhom jinvestigaw il-fatti tal-każ.

6. Il-paragrafu 4 ma għandux japplika għal proċedimenti kriminali, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mill-Istat Membru.

Artikolu 10

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva jew id-dispożizzjonijiet rilevanti diġà fis-seħħ dwar drittijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Kapitolu V
Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 11

Nonrigressjoni u dispożizzjonijiet aktar favorevoli

1. L-ebda dispożizzjoni f'din id-Direttiva ma għandha tinftiehem bħala li tnaqqas il-protezzjoni tal-ħaddiema mogħtija minn strumenti oħra tad-dritt tal-Unjoni, tal-liġi nazzjonali, tal-ftehimiet kollettivi jew il-prattika.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni diġà mogħti lill-ħaddiema, inkluż it-trainees, fl-Istati Membri.

3. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-prerogattiva tal-Istati Membri li japplikaw jew li jintroduċu liġijiet, regolamentazzjoni jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema jew li jinkoraġġixxu jew jippermettu l-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema. Fl-istess ħin, l-ebda ħaġa f'din id-Direttiva ma għandha tiġi interpretata bħala li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex jintroduċu relazzjoni ta' impjieg speċifika għat-trainees fil-liġi nazzjonali tagħhom.

3a. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal drittijiet oħra mogħtija lil ħaddiema b'atti legali oħra tal-Unjoni.

Artikolu 12

Traspożizzjoni u implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

4. L-Istati Membri għandhom, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali tagħhom, jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw l-involviment effettiv tas-sħab soċjali u biex jippromwovu u jtejbu d-djalogu soċjali bil-ħsieb li tiġi implimentata din id-Direttiva.

5. L-Istati Membri jistgħu jinkarigaw lis-sħab soċjali bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, meta s-sħab soċjali jitolbu b'mod konġunt li jagħmlu dan u dment li l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li fi kwalunkwe mument jistgħu jiggarantixxu r-riżultati mitluba minn din id-Direttiva.

Artikolu 13

Rapportar u rieżami

1. Sa [seba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva li hija meħtieġa biex il-Kummissjoni tfassal ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi data rilevanti dwar traineeships għall-finijiet li tippermetti l-monitoraġġ u l-valutazzjoni xierqa tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Sa [tmien snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni u filwaqt li tqis l-impatt fuq l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jevalwa l-mod li bih din id-Direttiva ġiet implimentata u jivvaluta l-ħtieġa għal miżuri addizzjonali, bil-ħsieb li tittejjeb il-protezzjoni tat-trainees. Dan ir-rapport għandu, jekk adatt, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 15

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi …,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*